# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Seduta ta'l-10 ta Mejju 2022

Il-Pulizija

(Superintendent Robert Vella)

Vs

Tania Borg

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Tania Borg ta' 35 sena bint Anthony u Carmen xebba Azzopardi imwielda gewwa ir-Rabat, Malta nhar il-25 ta'Gunju , 1982 u resident gewwa fond Notre Rive Triq Xatbett l-Art , Attard u detentrici tal-karta tal-identita' bin-numru, 389282(M)

Talli matul il-21 u 22 ta’ Marzu 2017 gewwa dawn il-gzejjer Maltin b’diversi atti maghmulin fi zminijet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. B’mezzi kontra l-ligi , jew billi ghamilt uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifiki foloz. Jew billi nqdejt b’qerq iehor, ingann , jew billi wrejt haga b’ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setghet fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika , ghamilt qligh ta’aktar minn hames mitt ewro (ewro 500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (ewro 5,000) ghad-dannu ta ‘ Nazzareno Bartolo detentur ta’ karta tal-identita’ bin-numru 3164(G) u/jew ta’ persuna/I ohra u/jew il-Bank APS u /jew ta’entita’ jew entitajiet ohra.;
2. U aktar talli , ghamilt qliegh iehor b’qerq mhux msemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’Malta ta’ aktar minn hames mitt ewro (ewro 500) izda mhux aktar minn hamest elef ewro (ewro 5000) ghad-dannu ta‘ Nazzareno Bartolo detentur ta’ karta tal-identita’ bin-numru 3164(G) u/jew ta’ persuna/I ohra u/jew il-Bank APS u /jew ta’entita’ jew entitajiet ohra.;
3. U aktar talli , ikkommettejt serq ta’ flus  ghad-dannu ta ‘ Nazzareno Bartolo detentur ta’ karta tal-identita’ bin-numru 3164(G) u/jew ta’ persuna/I ohra u/jew il-Bank HSBC u /jew ta’entita’ jew entitajiet ohra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li ma jeccediex l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (ewro 2,329.37) u bil-persuna.

Il-Qorti intalbet sabiex f’kaz ta’ htija tqis lill-imputata Tania Borg bhala li saret recidiva ai termini tall-Arikoli 49,50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta’ Malta wara li kien misjuba hatja ta’ sentenza moghtija lilha mill-Qorti ta’ Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula

Rat l-atti tal-kawza

**Ikkunsidrat**

Illi f'dan il-kaz inzammew diversi seduti fejn il-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq il-provi taghha.

F'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ghaddiet biex taghlaq il-povi tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza.

Illi fic-cirkostanzi kien hemm nuqqas ta` provi.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti  wara li rat l-artikoli 18,308,310(1)(b),309,261(c) u (d)  , 267,268,279(a), 280(1), 281(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta Malta ma  issibx l-imputata hatja tal-ewwel, tieni u tielet imputazzjonijiet u  tilliberaha.

Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace

Doris Serpina Sciberras

Deputat Registratur